***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 99 tat-11 ta' April 2018 fuq talba magħmula mill-Onor. Simon Busuttil u mill-Onor. Robert Cutajar f'isem l-Onor. Jason Azzopardi fir-rigward tal-ammissibilità ta' interpellanzi parlamentari**

Fis-Seduta Nru 97 ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' April 2018, l-Onor. Simon Busuttil għamel talba għal *ruling* fejn talab hekk:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President, nixtieq nitlob *ruling* taħt l-Ordnijiet Permanenti 26 u 27. Waqt il-waqfa tal-Għid jien ġejt informat li mistoqsija parlamentari tiegħi twaqqfet minnek u nixtieq nitlob *ruling* dwar dan.
>
> Il-mistoqsija kienet indirizzata lill-Prim Ministru u fiha jien tlabtu jikkonferma uffiċjalment jekk iċ-Chief of Staff tiegħu attendiex it-tieġ ta' Ali Sadr, li jiġi sid Pilatus Bank. Ali Sadr mhuwiex persuna kwalunkwe, jinsab il-ħabs fl-Istati Uniti jistenna ġuri li jista' jitfgħu 125 ħabs. Huwa wkoll sid Pilatus Bank, li jissemma f'kull skandlu ta' ħasil ta' flus li kellna fl-aħħar snin f'pajjiżna. Fil-fatt, anke ċ-Chairman il-ġdid tal-MFSA qal li dan il-bank huwa *a very big problem*.
>
> Sur President, kif taf inti, jekk iċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru attendiex għat-tieġ ta' dan l-individwu hija kwestjoni ta' interess tal-poplu u m'għandhiex titwaqqaf għaliex il-poplu għandu dritt ikun jaf x'rabta għandhom iċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru u l-Prim Ministru ma' din il-persuna."

Is-Sedja mbagħad talbet lill-Onor. Busuttil biex ikun fil-qosor, fejn hemmhekk l-Onor. Simon Busuttil qal hekk:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Iva, se nikkonkludi, Sur President. Jien inqis li d-demokrazija tagħna titlob li l-Prim Ministru u n-nies li jaqgħu politikament taħt ir-responsabilità tiegħu, inkluż iċ-Chief of Staff tiegħu, ikunu soġġetti għall-iskrutinju ta' din l-istituzzjoni, li hija l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Huwa għalhekk li llum, li hija l-ewwel opportunità li għandi, qed nitlob *ruling* mingħandek u minħabba li naf li inti diġà tajt *ruling* fuq xi ħaġa simili, nixtieq niġbidlek l-attenzjoni li l-fatti speċi ta' dan il-każ huma differenti mill-każ tal-mistoqsija parlamentari fejn inti diġà tajt *ruling* ftit jiem ilu u fi kwalunkwe każ, jien nixtieq li, skont ir-*ruling* tiegħek, ikolli possibilità ta' rimedju għar-*ruling* tiegħek. Nirringrazzjak."

Hawnhekk is-Sedja sejħet lill-Onor. Robert Cutajar, li wkoll ried jitlob *ruling* fuq l-istess materja għan-nom tal-Onor. Jason Azzopardi, li għamel domanda simili għal dik li għamel l-Onor. Simon Busuttil. L-Onor. Cutajar talab hekk:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, aktar qabel kien hawn l-Onor. Jason Azzopardi, li ried jagħmel intervent però minħabba ħidma parlamentari, kellu jħalli l-Kamra għal ftit ħin. Fuq l-istess raġuni li għadu kif ressaq l-Onor. Simon Busuttil, f'isem l-Onor. Azzopardi, bħala Whip ta' din in-naħa, qed nitolbok biex tagħti *ruling* fuq mistoqsija simili li għamel l-istess Onor. Azzopardi."

Is-Sedja rringrazzjat lill-Onor. Simon Busuttil u lill-Onor. Robert Cutajar u qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Jien se nagħti *ruling,* kemm fuq dak li talab l-Onor. Simon Busuttil kif ukoll fuq dak li tlabt inti għan-nom tal-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront ta' żewġ mistoqsijiet parlamentari."

Is-Sedja se tagħti dan ir-*ruling* b'mod konġunt fuq iż-żewġ punti mqajma li prattikament jikkonċernaw l-istess materja. Fil-fatt, id-domanda li l-Onor. Simon Busuttil issottometta fit-28 ta' Marzu 2018 kienet taqra hekk:

> "Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk iċ-Chief of Staff tiegħu attendiex għat-tieġ tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?"

filwaqt li d-domanda li l-Onor. Jason Azzopardi ssottometta fid-9 ta' April 2018 kienet taqra hekk:

> "Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk iċ-Chief of Staff tiegħu, li għalih huwa politikament responsabbli, kienx mistieden jew jekk attendiex għat-tieġ tal-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, fl-Italja fl-2015, individwu li llum huwa arrestat fl-Istati Uniti l-Amerka fuq akkużi ta' ħasil ta' miljuni kbar ta' dollari u korruzzjoni? Jista' jgħid kemm-il darba l-Prim Ministru ltaqa' mal-individwu msemmi qabel Ġunju 2015 u x'kienu ċ-ċirkostanzi?"

Dakinhar stess li ġew sottomessi d-domandi, is-Sedja kienet informat liż-żewġ Onorevoli Membri li l-interpellanzi inkwistjoni ma setgħux jiġu aċċettati għaliex kienu jmorru kontra l-Ordni Permanenti 26 (1) u l-Ordni Permanenti 27 (6) li jaqraw hekk:

> "**26(1)** Jistgħu jsiru interpellanzi fil-bidu tax-xogħol pubbliku lil kull Ministru dwar ħwejjeġ pubbliċi jew lil kull membru ieħor dwar xi xogħol tal-Kamra li għalih dak il-Ministru jew membru jkun responsabbli."
>
> "**27(6)** Ma għandhiex issir interpellanza dwar il-karattru jew il-kondotta ta' xi persuna ħlief fil-kariga tagħha uffiċjali jew pubblika."

Is-Sedja tagħmel referenza minnufih għar-*ruling* li s-Sedja diġà tat dwar domanda simili fis-Seduta Nru 94 tal-14 ta' Marzu 2018, u allura dwar l-interpretazzjoni tal-Ordnijiet Permanenti relattivi. Dakinhar is-Sedja spjegat ukoll b'mod dettaljat għaliex hija prerogattiva tal-Ispeaker jekk domanda għandhiex tiġi aċċettata jew le. Dan għamlitu billi rreferiet kemm għall-Ordnijiet Permanenti kif ukoll għall-prattiċi u l-użanzi tal-House of Commons li huma applikabbli għall-Parlament Malti, u dan skont l-Ordni Permanenti 197 li jgħid:

> "**197.** Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-ordnijiet permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra, b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni**."**

Fil-fatt, kif anke kien indikat f'diversi *rulings* oħra li ngħataw minn Speakers preċedenti u kif jingħad b'mod ċar fil-paġna 356 tal-24 edizzjoni tal-*Erskine May Parliamentary Practice*:

> "*The Speaker is the final authority as to the admissibility of parliamentary questions*."

Is-Sedja tinnota li l-istess prattiċi ma jgħidux hekk biss, iżda jgħidu wkoll li meta interpellanza ma tiġix aċċettata mill-Ispeaker, din ma tistax tiġi dibattuta fil-Parlament jew inkella tiġi mqajma bħala *point of order* fil-Kamra. Tant hu hekk li l-istess *Erskine May* ikompli jgħid li:

> "*When a question has been refused and the Member concerned wishes to make representations to the Speaker on the matter, the practice is for these to be made privately to the Speaker and not raised by way of point of order in the House*."

Dan kien diġà indikat u spjegat b'mod dettaljat fir-*ruling* li s-Sedja tat fl-14 ta' Marzu iżda minkejja dan kollu, l-Onor. Simon Busuttil u issa allura anke l-Onor. Jason Azzopardi, xorta waħda ħassew il-ħtieġa li għandhom iqajmuha bħala *point of order* fil-Kamra u talbu *ruling* f'dan ir-rigward.

B'dan ir-ruling is-Sedja tixtieq għal darb' oħra tiċċara li hija mhux se tabdika mill-ebda responsabilità li tagħmel ix-xogħol tagħha li tapplika l-Ordnijiet Permanenti u dan kif huwa mistenni li tagħmel skont l-istess prattiċi parlamentari.

Is-Sedja hija ferm konxja minn din ir-responsabbiltà li tinterpreta u tapplika b'mod ġust u ekwu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, li f'dan il-każ jikkonċernaw x'kontenut għandu jiġi mitqies bħala ammissibbli f'dak li jirrigwarda mistoqsijiet parlamentari skont l-Ordnijiet Permanenti 26 u 27.

Is-Sedja tixtieq tirrimarka wkoll li mhuwiex sewwa li ċertu rimarki li kienu jagħmlu parti minn korrispondenza privata bejn is-Sedja u Membri Parlamentari dwar l-ammissibilità ta' interpellanza parlamentari jsibu ruħhom saħansitra fil-media. Hawnhekk qed nirreferi għall-artikolu li deher fil-ħarġa *online* ta' *The Times* datat 9 ta' April 2018, fejn jingħad dan il-kliem:

> "*Dr Busuttil accused the Speaker of abusing his powers to block the question.*"

u

> "*He said the "abusive" decision to block the written question was more akin to what happended in autocratic countries rather than democratic ones."*

Is-Sedja ma tħossx li dan huwa l-mod ta' kif għandhom isiru l-affarijiet.

Huwa d-dover ta' kull Membru tal-Kamra li jkun jaf xi jgħidu u xi jfissru l-Ordnijiet Permanenti skont il-prattiċi tal-istess Kamra. F'dan ir-rigward il-Membri ma jistgħux japplikaw u jinterpretaw l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kif jixtiequ huma iżda skont prattiċi u interpretazzjonijiet stabbiliti li jiggwidaw lill-istess Sedja fl-għoti tad-deċiżjonijiet tagħha.

Kif indikat ukoll fir-*ruling* fuq ċitat, jekk Membru jħoss li hemm xi provvedimenti tal-Ordnijiet Permanenti li jeħtieġu bidla, l-istess Ordnijiet jistabbilixxu l-proċedura li għandha tintuża għal dan il-għan.

Dawn huma l-Ordnijiet Permanenti li l-Kamra stabbiliet bis-saħħa tal-Artikolu 67(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid:

> "**67. (1)** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess."

Dawn huma l-Ordnijiet Permanenti li minn żmien għal żmien jiġu emendati bi proċedura stabbilita u li s-Sedja hija obbligata li tapplika.

Is-Sedja tixtieq tirrimarka wkoll li fl-interpretazzjoni tal-Ordnijiet Permanenti relattivi għall-ammissibilità tal-interpellanzi inkwistjoni, hija għandha wkoll il-komfort ta' parir legali. Hawnhekk qed issir referenza għall-Ordnijiet Permanenti 26(1) u 27(6) li ġew ċitati aktar 'il fuq.

F'dan ir-rigward, il-parir legali jgħid hekk:

> *"You have talked to me recently about the propriety of questions being set to ministers which do not relate to public business and you have asked for my opinion on the matter. The setting of questions in Parliament is a closely regulated affair and is governed by standing orders applicable thereto. The apposite orders regulating the topic in question seem to be the following:*
>
> > ***26. (1)*** *Questions may be put at the commencement of public business to any Minister relating to public affairs or to any other member relating to any business of the House for which such Minister or member is responsible.*
> >
> > ***27****. The proper object of a question shall be to obtain information on a matter of fact within the special cognizance of the member to whom it is addressed.*
> >
> > *The right to ask questions shall be governed by the following rules:*
> >
> > ***(6)*** *a question shall not be asked as to the character or conduct of any person except in his official or public capacity;*
>
> *This last order ..."*

u hawn qed jirreferi għall-Ordni Permanenti 27(6)

> *"... seems to be the most appropriate for our subject as the question concerns the conduct of a person in his private capacity – that is as a guest at a wedding. It would not seem appropriate to assume that the person concerned, if he was invited to that particular wedding, was invited in anything but his private capacity. In particular Erskine May at page 298 in his 22nd edition says that questions to Ministers must relate to matters for which those ministers are officially responsible. Attendance at a wedding does not seem to so qualify.*
>
> *The key word to define appear to be 'public business.' I think that* the standing orders, *by referring to public business, are here referring to the conduct of the public administration and matters impacting on same. Whether a particular person is invited to a wedding or not, and whether he attends it or not, may or may not be a question for political debate. But the issue here is not whether the topic may give rise to political debate but whether it is an appropriate question to put to a minister in Parliament is a different matter. The issue does not relate to the administration of any department and is not a matter connected with the public business. I would concur with the Speaker in not allowing the question."*

Dan huwa l-parir legali li kellha s-Sedja fir-rigward tal-interpretazzjoni li tat meta ġiet biex tapplika l-Ordnijiet Permanenti relattivi fil-konfront tal-interpellanzi magħmula mill-Onor. Simon Busuttil u mill-Onor. Jason Azzopardi, kif ukoll fil-konfront ta' numru ta' mistoqsijiet identiċi li ġew ippreżentati wkoll minn numru ta' Membri Parlamentari oħra.

Il-kwestjoni għalhekk tikkonċerna d-definizzjoni tal-kliem '*public affairs*' li nsibu fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u l-interpretazzjoni li s-Sedja hija kostretta tagħti lil tali kliem. Minkejja li jekk persuna attenditx għal tieġ jew le fil-kapaċitá privata tagħha tista' tkun materja ta' dibattitu politiku, dan ma jeżonorax lis-Sedja milli tapplika l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Għaldaqstant materja li tista' tkun tagħmel parti mid-dibattitu politiku għaliex ġiet imqajma minn esponenti politiċi u rapportata mill-*media*, mhux bilfors tkun taqa' taħt id-definizzjoni ta' "*relating to public affairs*" skont l-Ordnijiet Permanenti. Kwestjonijiet li l-istess esponenti u l-*media* jkunu qed jgħidu li huma fl-interess pubbliku mhux neċessarjament ikunu "ħwejjeġ pubbliċi" li għalihom il-Ministru huwa responsabbli fl-amministrazzjoni tad-dipartimenti li jaqgħu taħtu u dan kif definit fl-Ordnijiet Permanenti u r-referenzi li ġew ċitati aktar 'il fuq.

Jekk xi Membru jħoss li għandha tingħata interpretazzjoni differenti lill-Ordnijiet Permanenti msemmija, il-proċedura hija waħda u hija applikabbli għal kulħadd, jiġifieri billi jressaq mozzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Kamra li tipproponi emenda għall-istess Ordnijiet Permanenti.

Ir-*ruling* huwa deċiż.